MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 354/2009

**Idea Casa Company Limited C24516**

**vs**

**Joseph Attard ID 0622448M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-socjeta' attrici qed titlob, minghand il-konvenut, hlas ta' elf ewro tnejn u sebghin centezmi (€1,000.72c) bhala bilanc ta' prezz u stallazzjoni ta' ghamara konsenjata lill-konvenut fuq inkarigu tieghu.

**Ra** li fir-RISPOSTA tieghu il-konvenut qal li m'ghandu jati xejn tant li fl-ahhar pagament, dak tal-4 ta' Frar 2009, fuq ir-ricevuta relativa l-impjegati tas-socjeta' attrici nizzlu "in final settlement".

II PROVI

1. Stante l-eccezzjoni tal-pagament, kien il-konvenut li ressaq l-ewwel il-provi tieghu.

2. Il-<u>konvenut</u> ikkonferma li hu ghamel l-ordni mertu tal-kawza. Bhala Dok JA1 (*a fol* 15) esibixxa karta li tawh tal-Idea Casa fejn, fuq talba tieghu, nizzlu x'bilanc kien fadallu jati. Din turi l-ammont ta' "€1,594.78c Balance to pay" u hi datata 19.12.08 b'firma li tahtha hemm imnizzel MARY ANNE. Din is-somma hallasha fl-4 ta' Frar 2009 u fir-rigward esibixxa d-Dok JA2 (*a fol* 16) fejn maghha hemm ukoll Dok JA 3 li hu ricevuta tal-€1000.00c li kien hallas qabel. Fuq Dok JA2 hemm indikat "final settlement". Fil-fatt, fid-dok JA4 (*a fol* 17) hemm ir-ricevuta tal-hlas ta €1,594.00c.

3. <u>**Mathese Sammut**</u>, imsejjha mill-konvenut, xehdet hekk:-

*Qed nigi murija Dok JA1 u rrid nghid illi r-retroxena wara din il-with compliments slip kien illi konna ghamilna pagament ta' elf ewro (€1,000.00) u ma kienux baghtulna l-ircevuta u allura ahna konna morna ghandhom biex naraw x'kien ghadu dovut. Persuna bl-isem ta' Marianne li tahdem l-Idea Casa kienet iccekjat mal-Accounts Section taghhom u kienet qaltilna li l-bilanc li kien fadal huwa dak indikat fuq Dok JA1. Irrid nispjega wkoll illi meta ahna hallasna dan il-bilanc li kien ghad fadal fi Frar tas-sena ta' wara, ahna konna hallasnieh fil-post taghna peres li kien fadal xi xoghlijiet x'jaghmlu fuq l-installazzjonijiet tal-ghamara u hallasniehom meta dan sar. Irrid nispjega li fejn fuq Dok JA2 hemm miktub final settlement, dik kien ghamilha l-istess lavrant illi kien gie jaghmel ix-xoghlijiet finali fi Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan ghamlu wara illi min ghandi stess kien cempel l-Accounts Section biex jikkonferma li l-pagament ta' elf, hames mija u erbgha u disghin ewro (€1594) ahna konna qed inhallsu kull bilanc li kien ghadu dovut. Kif ikkonfermawlu dan mill-Account Section hu iffirmali "final settlement". Irrid nispjega li dawn l-ircevuti s-sofor, Dok JA2 u Dok JA3 ituhomlok biss meta jsir pagament fuq il-*

*post mhux meta tmur ghandhom. L-ircevuti li jtuk meta tmur ghandhm huwa bhal dik JA4.*

4. Hawn, kronologikament, gie kontro-ezaminat il-konvenut, li kkonferma x-xhieda tieghu u zied li ma kellux diffikulta' li jissejjhu l-APS dwar cekkijiet minnu mahruga.

5. **<u>David Galea</u>** tal-bank APS ikkonferma li wiehed mill-Account numbers tal-konvenut huwa 20000365818 izda ma jirrizultax li dan ghandu f'ismu kont bin-numru li jidher fuq Dok JA3. Huwa esibixxa bhal Dok DG1 u DG2 (*a fol* 26/27) *image* ta' zewg cekkijiet mahruga fuq IDEA CASA mill-kont f'isem Attard. Dawn huma ta' €3,500.00c u €1,594.00c rispettivament.

5. **<u>Anthony Sammut,</u>** direttur tas-socjeta' attrici qal li l-konvent kien ordna minghandhom kcina kompluta u skond huma baqghalu jhallas bilanc ta' €1,000.78c. Spjega li f'Novembru 2008 kien mar il-hanut taghhom u kellem lil Mary Zammit (issa ex impjegata) u taha id-Dok AS ( *a fol* 34) li hu fotokopja tar-raport li ghamel l-"installer" fl-ahhar tax-xoghol. Dan "carbonized copy" u fuq, mal-lemin hemm nru 10354 u l-konvenut qal lil M. Zammit li dawn ma jidhrux fli statement li ntbaghat lilu. Hawn l-impjegata rriferiet il-kaz lilu. Hawn ried jara x'kien qed jigri ghax "x'imkien dal-flus intilfu". Ried jara anke kienux hemm xi abbuz.

6. Hawn saret riferenza ghad-dokumenti esibit bhala Dok AS1-AS4 u spjega li kien sar pagament ta' €1,000.00c minn certu Pierre Luigi Mollinconi (klijent iehor) u l-"installer" kien bi zball (ghax dahhal karta hazin) ghamilha tidher bhala hlas mill-konvnenut.

7. Zied jisjega hekk: "… jien nghid li meta saret il-firma tal-elf ewro il-carbonisation saret fuq id-dokument ta' Joe Attard, filfatt l-istess carbonization harget it-tpingija tal-cupboard tas-Sur Mollicone biex nuri iktar u iktar kif din fil-fatt hi carbonization tad-dokument tas-Sur Mollicone u mhux tad-dokument tas-Sur Attard".

8. Meta avvicina lill-konvenut, dan insista li kien hallas u li “ma jinteressahx u naghmel li ghandi bzonn naghmel jekk irrid il-flus”.

9. Xehed **Pierre Luigi Mollicone** qal li kien ghamel lil IDEA CASA pagament ta’ €1,000.00 bic-cekk APS 258 mill-kont kurrenti tieghu 1235153001. Fid-dok JA2 esebit mill-konvenut hemm l-Acc no tieghu. Fid-Dok JA3 (*a fol* 16) hemm id-dettalji ta’ xihadd Attard u fit-tieni parti hemm l-iskizz tal-kcina tieghu li jaghraf minn certi dettalji. Imbaghad hemm il-pagament, b’riferenza ghall-Acc no tieghu. Bhala Dok PLM (*a fol* 45) esibixxa kopja tac-cekk li bih thallsu l-€1,000.00c. Ix-xhud kompla ta dettalji ohra u hawn wiehed jirrifera direttament ghax-xhieda inkluz il-kontro ezami.

10. **Valerio Tonna** kien *subcontractor* ta’ IDEA CASA u kien jarma kcejjen, kmamar. Gharaf lill-konvenut bhala li ghamilu l-kcina. Ma kien xoghlhom li jircievu xi flus u meta kienu jircievu kien jghaddihom lil IDEA CASA li maghhom qatt ma kellu nkwiet.

11. **Donald Mifsud** kien *subcontractor* ma IDEA CASA. Gharaf “minn wiccu” lill-konvenut imma “ma nafx ezattament ic-cirkostanzi”. Ir-rapport fil-ktieb *a fol* 34 kien kiteb hu u Mollicone kien tah €1,000.00c u ffirma hu. Hu thallas minn **persuna wahda**, Mollicone.

12. **Maryanne Zammit** qalet li kienet tahdem bhala *salesperson* mas-socjeta’ attrici fix-*showroom* ta’ Valley Road u gharfet lill-konvenut. Kienet hadet ordni minghandu izda dettalji ma tiftakarx. Hi jkollha x’taqsam mad-*deposits* sakemm klijent ma jmurx ihallas minn rajh. Hi ma taghrafx id-Dok JA2 (*a fol* 16) ghax ma kienx ikollha x’taqsam ma dokument bhal dak. Dok Dok JA1 taghraf il-firma taghha ghalkemm ma tiftakrux u “jien mhux f’pozizzjoni li nindika ghaliex wasalt ghal dak in-notament; ghadda z-zmien”. Ziedet li tassumi li hadet xi *reading* mill-*computer* taghha stess izda ma setghetx tispjega izjed.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Hawn ghandna lis-socjeta' attrici li tghid li stallat kcina lill-konvenut u ghad trid tithallas minghandu bilanc ta' €1,000.78c mentri l-konvenut jghid li kien hallas kollox kif muri mid-Dok JA2. Id-Dok JA1 jindika €1,594.72c Balance to pay" u hu datat 19.12.08 waqt li Dok JA2 datat 04.02.09 juri hlas ta' €1594.00 mill-APS Acc No 20000365818 cheque number 48.

2. Il-konvenut esibixxa Dok JA3, li juri hlas ta' €1000 maghmul minn Mr. Joe Attard (i.e. il-konvneut) fil-11.11.08 minn fuq Acc number 12351530011 li Pier Luigi Mollicone qal li hu tieghu u fir-rigward esibixxa kopja ta' cheque datat 10.11.08 *a fol* 45.

3. Hawn tassumi mportanza x-xhieda ta' David Galea ghall-APS. Dan qal (xehed bil-permess tal-konvenut) li Attard ghandu kontijiet bankarji f'ismu, wiehed minnhom 20000365818. Esibixxa bhala Dok DG1 u DG2 zewg kopji ta' cheque ta' Attard fuq IDEA CASA mill-Acc number imsemmi. Wiehed ta' €3,500.00c u l-iehor ta' €1,594.00c.

4. Minn ezami tad-Dok JA3 esibit mill-konvenut jirrizulta li fuq ix-xellug ghandek isem il-konvenut imma fuq il-lemin hemm il-kont nru 1235153011 li hu ta' Mollicone u fir-rigward dan Mollicone esibixxa kopja tac-cheque relativ (ara *fol* 45)

5. Jirrizulta ghalhekk li pagament maghmul minn Mollicone, bi zball billi dahlet karta f'ohra, dan *il-quantum* deher bhala li thallas mill-konvenut. Kif jista qatt il-konvenut jghid li hallas elf ewro billi jressaq id-Dok JA3 meta dan juri isem il-konvenut, iva, imma juri wkoll Acc no ta' haddiehor kif abbondantement pruvat? Wara kollox l-Acc no muri fid-Dok JA3 il-konvenut ma setax jghid li hu tieghu.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL, meqjus dak kollu migjub hawn fuq
**jiddeciedi** billi **jichad** l-eccezzjoni tal-konvenut **jilqa** t-talba tas-socjeta' attrici u jikkunanna lill-konvenut ihallas

lis-socjeta’ attrici il-*quantum* mitlub ta’ elf ewro, hamsa u sebghin centezmi €1,000.75c. Dan l-ammont ghandu jithallas fi zmien ghoxrin jum mil-lum b’dana li, b’sens ta’ ekwita jekk ma jsrx il-hlas shieh fiz-zmien imsemmi jibda ghaddej l-imghax mit-3 ta’ Gunju 2009 (meta giet ippresentata r-RISPOSTA) sal-jum tal-pagament effettiv. L-ispejjes kollha jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------